Rettifika tar-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 176 tas-27 ta' Ġunju 2013)

1. F'paġna 33, l-Artikolu 19(2), il-punt (c),

   minflok: "(c) … tkun qarrieqa fir-rigward tal-objettivi tas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.",

   aqra "(c) … tkun qarrieqa fir-rigward tal-objettivi tas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet.".

2. F'paġna 42, l-Artikolu 36(1), il-punt (j),

   minflok: "(j) l-ammont tal-elementi meħtieġ li jitnaqqas mill-elementi ta' Grad 1 Addizzjonali skont l-Artikolu 56 li jeċċedi l-kapital ta' Grad 1 Addizzjonali tal-istituzzjoni;",

   aqra: "(j) l-ammont tal-elementi meħtieġ li jitnaqqas mill-elementi ta' Grad 1 Addizzjonali skont l-Artikolu 56 li jeċċedi l-elementi ta' Grad 1 Addizzjonali tal-istituzzjoni;".

3. F'paġna 51, l-Artikolu 56, il-punt (e),

   minflok: "(e) l-ammont ta' elementi meħtieġa li jitnaqqsu minn elementi ta' Grad 2 skont l-Artikolu 66 li jaqbeż il-kapital ta' Grad 2 tal-istituzzjoni;",

   aqra: "(e) l-ammont ta' elementi meħtieġa li jitnaqqsu minn elementi ta' Grad 2 skont l-Artikolu 66 li jeċċedi l-elementi ta' Grad 2 tal-istituzzjoni;".

4. F'paġna 176, l-Artikolu 284, it-tielet sentenza, il-formula,

   minflok: "$\textit{Effective EPE} = \sum_{k=1}^{\min\{1\,\textit{year},\,\textit{maturity}\}} \textit{Effective EE}_{t_k} \cdot \Delta t_k$",

   aqra: "$\textit{Effective EPE} = \frac{1}{\min\{1\,\textit{year},\,\textit{maturity}\}} \cdot \sum_{k=1}^{\min\{1\,\textit{year},\,\textit{maturity}\}} \textit{Effective EE}_{t_k} \cdot \Delta t_k$".